**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 4 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Victor Micallef**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjoni kontra Victor Micallef ta' 67 sena' bin Saviour u Adelaide nee' Coleiro imwieled Zebbug(Malta) fil-15 ta' Ottubru 1947 u joqghod Roc A GO Triq tal-Barrani Zejtun detentur tal-karta ta' l-identita'b'numru 940547M;

Talli fix-xahar ta' Ottubru 2012 u jew zminijiet wara fil-fond ROC A GO li jinsab fi Triq il-Barrani Zejtun u/jew f'dawn il-gzejjer:

1) Xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwista b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew , xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti cioe' zewg batteriji/ u /jew oggetti ohra li

kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valura li ma jeccedix 2329.37 ewro, hin, mezz u xorta tal-haga misruqa;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-4 ta' Frar 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**